**ĦAL LUQA**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 47 – IT-TNEJN 15 T' APRIL 2019**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi 174, Triq il-Ġdida, Luqa it-Tnejn 15 t' April fil-17:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | John Schembri | Sindku |
| | Denise Cutajar | Viċi Sindku |
| | Eric Camilleri | Kunsillier |
| | Victor Caruana | Kunsillier |
| | Kearon Bruno | Kunsillier |
| | Elaine Camilleri Schembri | Kunsillier |
| | Lucia Massa | Kunsillier |
| Uffiċjali preżenti: | Michael Portelli | Segretarju Eżekuttiv |

## 1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

1.1. Ma kienx hemm ittri t' apoloġija.

## 2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

2.1. Is-SE ippreżenta l-minuti tal-laqgħa preċedenti.

2.2. Il-minuti kienu approvati wara rakkomandazzjoni tal-kunsilliera Massa u ssekondati mill-Viċi Sindku.

## 3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1. Is-Sindku semma li rridu nitkellmu fuq issues li kienu qamu waqt il-laqgħa pubblika tax-xahar ta' qabel.

3.2. Is-Sindku qal li rigward il-pool temporanju tal-iskola, l-persuna li ressqet l-ilment dakinhar tal-laqgħa kienet reġgħet ċemplitlu u huwa spjegala li din taqa' taħt il-Ministeru tal-edukazzjoni. Bħala Kunsill is-Sindku qal li minn naha tagħna se niktbu lil dan il-Ministeru u anki nispjegaw li minn naħa tagħna ma nsibux oġġezzjoni.

3.3. Il-Kunsillier Camilleri qal li din il-proposta ma kinitx aċċettata minn naħa tal-Iskola għax kien oppona s-Surmast.

3.4. Is-Sindku semma li matul il-laqgħa annwali konna tkellimna ukoll dwar kif nistgħu ngħinu lil Għaqdiet. Huwa issuġġerrixa biex isir forma t' agreement li bih isiru żewġ attivitajiet u minnu jibbenefikaw iż-żewġ każini.

3.5. Il-Kunsillier Camilleri semma li li aħna nistgħu naraw minn qabel huma xi jkunu qed jipproponu. Is-Sindku irrisponda li llum hemm fondi biżżejjed biex tkompli issir maintenance u jiżdied aktar tiżjin.

3.6. Is-Sindku semma li rigward it-tiżjin irridu nkomplu nagħmlu tajjeb aħna bħala Kunsill biex huma jżiedu ftit, ftit.

3.7 Is-Sindku semma li skont il-Memo li kienet ħarġet minn naħa tad-Dipartiment issa ridna nagħżlu skema ġdida għall ġbir tal-iskart riċiklabbli. Huwa qal li ikkuntattjajna liż-żewġ skemi u dawn bagħatu l-proposti tagħhom. Is-Sindku semma li għalkemm fil-maġġoranza kienu simili kien hemm xi affarijiet ġodda minn naħa tal-iskema GreenMT li kienet aħjar għall Kunsill Lokali. Is-Sindku ippropona sabiex il-Kunsill Lokali jagħżel din l-iskema. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma dan.

## 4. TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

4.1. Il-Kunsillier Caruana saqsa fuq il-one way li kellha tkun implimentata fi Triq il-Ġdida.

4.2 Is-Sindku semma li minn naħa tat-Transport Malta din kienet approvata imma rridu naraw kif se nikkordinaw biex ikun hemm il-gwardjani lokali għall- 15 il-ġurnata biex jiġbdu l-attenzjoni tal-pubbliku.

4.3 Il-Kunsilliera Camilleri Schembri saqsiet jekk kinux se jerġgħu jinġiebu l-bins tal-iskart organiku Ħal Luqa. Is-Sindku qal li kienet saret ħafna promozzjoni fuq it-tqassim ta' dawn il-bins għax ma kinitx faċli biex inġiebu Ħal Luqa. Il-Kunsilliera qalet li kellha xi dettalji ta' xi residenti li ma kinux ġabruhom.

4.4 Il-Kunsillier Caruana semma li fejn kienu qed isiru t-toroq kien hemm il-bankini imkissrin. Is-Sindku qal li dawn kienu se jsiru minn naħa tat-Transport Malta.

4.5 Il-Kunsillier Camilleri semma li t-traffic island li hemm fi Triq il-Masġar hija perikoluża.

4.6 Il-Kunsillier Caruana irringrazzja lis-Sindku talli kien qal lill-ħaddiema biex imorru jnaddfu fiċ-Ċimiterju. Huwa qal li kien hemm talba biex isiru bins minn dawk li fihom ikun separat l-iskart.

## 5. JUM ĦAL LUQA

5.1. Is-Sindku semma li peress li din is-sena peress li f' Mejju se jkun hemm l-Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali jaqbel li niċċelebraw Jum Ħal Luqa, f' Settembru. Il-Kunsilliera qablu fuq din il-proposta.

5.2 Is-Sindku semma li s-sena l-oħra l-Kunsill kien għoġbu jinnomina lilu u l-Kunsillier Caruana biex jingħataw Ġieħ Ħal Luqa. Huwa qal li kien hemm ukoll referenza biex jingħata dan il-Ġieħ lil ex Kappillan Dun Gordon Refalo li kien serva ġewwa Ħal Luqa u anki l-moħħ wara l-purċissjoni bl-Irxoxt li għandha Ħal Luqa llum. Is-Sindku semma wkoll lil Dun. Rene Camilleri li kien għalaq 40 sena bħala saċerdot u anki kien t' għajnuna lil bosta kopji li riedu jiżżewwġu biex dan flimkien mal-ex-Kappillan jingħata Ġieħ Ħal Luqa. Il-Kunsilliera qablu b' mod unanimu biex dawn jingħataw Ġieħ Ħal Luqa għall din is-sena.

5.3 Il-Kunsillier Camilleri semma li matul Jum Ħal Luqa irridu naraw li jkun hemm sistema fejn il-Baned jalternaw sena wara sena.

5.4 Il-Kunsillier Bruno semma li aħna rridu naraw ukoll x' tip ta' divertiment in-nies jkunu jridu u nimxu wkoll skont id-domanda.

## 6. XOGĦOLIJIET FI TRIQ IR-RIXTELLU U TRIQ VALLETTA

6.1. Is-Sindku semma li fi Triq ir-Rixtellu kienu qed isiru s-servizzi tal-ilma u eventwalment anki l-bankini. Huwa semma li se jassigura li fejn qed isiru x-xogħolijiet se jkun hemm kollox nadif bħala rotta fejn se tgħaddi l-purċċissjoni. Huwa qal li jekk ikun hemm problema jara kif jsib kuntrattur ieħor li lest li jnaddaf.

## 7. WATER CULVERTS TRIQ IL-KARMNU

7.1. Is-Sindku semma li fuq dan il-proġett kienet saret l-applikazzjoni għall permess u anki ġew ikkuntattjati l-entitajiet konċernati biex jagħtu feedback fuq ix-xogħol. Huwa qal li dawn ix-xogħolijiet se jinbdew dalwaqt.

## 8. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-LAQGĦAT TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV

8.1 Ma kienx hemm rapporti mill-Kumitat Amministrattiv ta' Ħal Farruġ.

## 9. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI

9.1 Ma kien hemm xejn taħt din il-materja.

## 10. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

10.1 Il-Kunsillier Caruana qal lis-Segretarju biex meta jkun hemm xi ħsarat fuq il-vann ikellem lilu qabel. Is-Segretarju qal li dawn mhux ħsarat kienu imma huwa kien ħa l-vann għand il-mechanic biex jiċċekkjah qabel il-VRT.

10.2 Il-Kunsillier Caruana qal li l-kirja tal-garaxx li kellu l-Kunsill Lokali kienet għolja ħafna. Huwa qal li fil-viċin tiegħu kien hemm bin-nofs prezz. Is-Sindku semma li issa kif nerġgħu niġu biex inġeddu l-kuntratt, naraw xi jkun hemm fis-suq.

## 11. TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

11.1 Il-laqgħa ġiet fi' tmiemha it-Tnejn 15 t' April 2019 fis-6.30 pm. Kien hemm il-ġurnata tad-9 ta' Mejju proposta għall laqgħa li jmiss.

| | |
|---|---|
| **John Schembri** | **Michael Portelli, BA (Hons), MA CHM, MBA** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |